MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-16 ta' April, 2004

Appell Civili Numru. 2285/1999/1

**Markiz Joseph Philip Testaferrata Bonici,**
**Rita Testaferrata Bonici,**
**Nicholas Bianchi bhala kap tal-komunjoni**
**tal-akkwisti ta' martu Marie Bianchi**

**vs**

**Anglu Agius u Agius Agricultural Trading Limited**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-atturi, wara illi ppremettew illi huma proprjetarji ta' l-art maghrufa bhala "Ix-Xaghra tar-Raghad" fil-limiti ta' l-Imgarr, Malta liema art ippervjeniet lill-istess atturi minn divizjoni fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Henry Saydon tat-18 ta' Dicembru, 1996 ezibita u mmarkata Dok. A; illi recentement huma saru jafu li l-konvenuti okkupaw din ir-raba illegalment u minghajr ebda titolu validu fil-ligi; illi l-okkupazzjoni tar-raba mill-konvenuti qed tikkawza danni lill-atturi konsistenti fit-telf tal-qliegh tal-kera li tali art tista' tirrendi fis-suq; illi huma interpellaw lill-konvenut (*sic*) biex jirrilaxxa l-istess raba f'idejhom fis-26 ta' April, 1999 izda dan inutilment; talbu ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex: 1. tikkundanna l-konvenuti sabiex jizgumbraw mill-art maghrufa bhala "Ix-Xaghra tar-Raghad" fil-limiti ta' l-Imgarr, Malta, proprjetà ta' l-istess atturi, billi l-istess konvenuti qeghdin jokkupawha minghajr ebda titolu validu fil-ligi; 2. tiddikjara lill-konvenuti solidament u flimkien responsabbli ghad-danni li qeghdin isofru l-atturi bid-detensjoni illegali da parti tal-konvenuti ta' l-art fuq imsemmija; 3. tikkundanna l-istess konvenut (*sic*) jhallsu lill-atturi id-danni hekk likwidati; bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-26 ta' April, 1999 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi, konfermata bil-gurament mill-attur Markiz Joseph Philip Testaferrata Bonici u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relattivi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti illi permezz taghha eccepew:
Preliminarjament l-inkompetenza ta' dik il-Qorti *ratione valoris*;

Fil-meritu u bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante li l-eccipjenti Anglu Agius ghandu titolu ta' sullokazzjoni fuq l-art meritu tal-kontestazzjoni;
Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti, guramentata mill-konvenut Anglu Agius, u l-lista tax-xhieda relattiva;

Rat is-sentenza tad-dsatax (19) ta' Ottubru, 2000 illi permezz taghha l-Prim'Awla tal-Qorti Civili laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u ddikjarat ruhha inkompetenti *ratione valoris* u dana wara illi kkunsidrat hekk:
"Illi din id-decizjoni hija limitata ghall-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti fejn qed jeccepixxu l-inkompetenza ta' din il-Qorti *rationæ valoris* u dan peress li qed jikkontendu li ghandhom titolu ta' sollukazzjoni [*recte*: sullokazzjoni] fuq l-art *de quo* verso qbiela ta' Lm20 fis-sena li huma allegaw li jhallsu lil certu Joseph Micallef.

"Illi **l-Artikolu 48 tal-Kap 12** jipprovdi illi:-

'*Il-Qorti tal-Magistrati (Malta), maghmula kif jinghad fl-ahhar Artikolu qabel dan, tiddeciedi wkoll kull talba ghall-zgumbrament, jew tkeccija minn beni immobbli, sew bini kemm raba' mikrija jew li qeghdin fihom persuni li joqghodu jew li ghandhom residenza taghhom ordinarja fil-limiti tal-gurisdizzjoni ta' dik il-qorti, meta is-somma tal-kera ma tiskorrix l-elf lira, skond ir-regoli stabiliti f'dan il-Kodici sabiex jinsab il-valur tal-oggett fil-kawza*'.

"Illi konsistentement mal-premess l-**Artikolu 32(3) tal-Kap 12** jipprovdi illi l-Prim'Awla tal-Qorti Civili '*ma tiehux konjizzjoni ta' kawzi ta' kompetenza tal-qrati inferjuri tal-Gzira ta' Malta hlief meta dawn il-kawzi ma jkunux saru kontra l-Gvern ta' Malta, f'liema kaz, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-limiti tal-kompetenza ta' dawn il-qrati inferjuri, ghandha maghhom kompetenza konkorrenti, bla hsara ghal kull disposizzjoni ohra tal-ligi*'.

"Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut qed jallega li ghandu dritt ta' sullokazzjoni verso l-qbiela ta' Lm4 fis-sena, kif qed isostni mill-kopja tac-cedola ta' depositu ta' qbiela minnhu esebita, u ma jidhirx mill-provi li qed tigi allegata li hemm kirja ghaz-zmien determinat, u ghalhekk ghall-kaz in kwistjoni japplikaw ghalih id-disposizzjonijiet

ta' l-**artikoli 755(a) u 757(1)** u ghalhekk il-valur huwa stabbilit fil-kaz ta' raba' bir-rata tal-qbiela kull sena.

"Illi dan qed jinghad ukoll ghaliex mill-atti processwali u mid-dokumenti esebiti l-unika prova dwar il-valur lokatizzju ta' l-art *de quo* giet prodotta biss mill-konvenut kif inghad u wkoll a bazi tal-insenjament kontenut fis-sentenza fl-ismijiet '**Carmelo Calleja vs John Calleja**' (A.C.I. 28 t'Ottubru 1994 - JSP) fejn inghad:

'*huwa ovvju li l-ligi tipprospetta l-kompetenza tal-Qrati Inferjuri mhux biss meta l-konvenut ikun qed jokkupa l-fond b'titolu ta' kera, imma wkoll meta jkun jokkupah u joqghod fih bhala r-residenza ordinarja tieghu, b'xi titolu li minhabba n-natura immobbli tieghu kif bil-ligi stabbilita, hu espressament ezawtorat mill-kompetenza taghha. Kif inghad dawn ix-xorta ta' titoli ma jinkludux il-komodat. Hu car ukoll illi l-valur li jeradika l-kompetenza - anke fil-kazijiet fejn ma jkunx hemm kirja unica fejn hija kompetenti l-Qorti Inferjuri - hu stabbilit ukoll bil-valur lokatizzju tal-immobbli. Valur li f'dan il-kaz ma jirrizultax kontestat li jirrientra fil-limiti tal-kompetenza tal-Qorti Civili tal-Magistrati*.'

"Illi l-istess inghad fis-sentenza '**Carmelo Vella et vs Nicholina Gauci**' (A.C. 15 ta' Dicembru 1947 - XXXIII.i. 209):

'*Illi kif gie deciz minn din il-Qorti diversi drabi, f'kawzi bhal din ta' zgumbrament, ghalkemm it-talba jkollha bhala kawzali illi l-konvenuta qieghda minghajr titolu, la darba dan huwa kontestat mill-appellata, li tghid li ghandha titolu, allura l-Qorti ghandha bilfors tara l-valur lokatizju tal-post kemm huwa …*'

"Illi ghalhekk stabbilit il-premess, jidher li din il-Qorti hija inkompetenti *rationæ valoris*, fir-rigward ta' l-ewwel talba attrici, anke ghaliex ma ngghabet ebda prova mill-atturi sabiex tikkonfronta l-prova tal-konvenut dwar il-valur lokatizzju ta' l-istess art.

"Illi dwar it-talbiet l-ohra, dawn jikkoncernaw talba ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni allegatament sofferti mill-atturi minhabba l-okkupazzjoni ta' l-istess art mill-konvenuti, liema talba fiha nfisha ma tindika ebda valur. Però tali talbiet ghandhom jinqraw ukoll mal-premessi ta' l-istess citazzjoni, minn fejn jirrizulta illi l-atturi qed jirriklamaw danni a bazi '*tat-telf tal-qliegh tal-kera li tali art tista' tirrendi fis-suq*'.

"Illi stabbilit li l-valur lokatizzju ta' l-istess art fuq dak li jirrizulta mill-provi, huwa barra l-kompetenza ta' din il-Qorti, u wkoll skond il-principju enuncjat fis-sentenza fl-ismijiet '**Frankie Refalo noe vs Joseph Azzopardi**' (A.C. 7 t'Ottubru 1997) u cioè li: '*Hu l-att promotur kif intavolat, it-talbiet u l-premessi taghhom li jifformaw il-parametri li fihom il-Qorti kellha tezercita l-gudizzju taghha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza taghha*', isegwi li d-danni li qed jigu reklamati mill-atturi, limitati ghat-telf ta' qliegh ta' kera jew qbiela, necessarjament iwasslu biex jigi kkonsidrat il-valur lokatizzju ta' l-istess art, kif inghad fl-unika prova dwaru mill-konvenut, ta' Lm4 fis-sena, li jwasslu ghall-konkluzjoni li anke t-talbiet ta' l-atturi fuq il-likwidazzjoni ta' danni huma wkoll barra mill-kompetenza ta' din il-Qorti *rationæ valoris*.

"Illi ghalhekk a bazi tal-premess l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti ghandha tigi milqughha."

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-atturi illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu illi tigi revokata u mhassra d-decizjoni moghtija tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tad-19 ta' Ottubru, 2000 u illi tigi michuda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti billi jigi dikjarat li t-talbiet kif premessi fl-att ta' citazzjoni jaqghu taht il-kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, u illi ghalhekk l-atti jigu rinvijati quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili sabiex dik il-Qorti tisma' l-provi u tiddeciedi fuq il-meritu tal-kawza odjerna; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti;

Rat ir-risposta tal-konvenuti illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu illi, filwaqt illi jigi michud l-

appell, tigi konfermata s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel (1) aggravju ta' l-atturi appellanti kontra s-sentenza appellata huwa illi, kwantu ghad-determinazzjoni tal-valur lokatizju ghall-finijiet ta' l-ewwel (1) talba attrici, fi kliem ir-rikors ta' appell, "… lanqas jista' wiehed jikkonkludi li l-valur ta' din il-kawza jista' jigi determinat skond Artikolu 755 u 756 [tal-Kap. 12] u dan ghaliex il-kawza ta' l-atturi hija proprju bbazata fuq il-premessa li l-konvenuti ma ghandhom l-ebda titolu validu";

Dan l-aggravju mhux fondat ghal raguni semplici hafna: l-appellanti qed jissottomettu illi l-akkoljiment da parti ta' l-ewwel Qorti ta' l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza *ratione valoris* ghar-rigward ta' l-ewwel talba attrici huwa zbaljat ghaliex, kif ghadu kemm inghad, il-valur ma jistax jigi determinat skond dak illi jiddisponu l-Artikoli 755 u 756 tal-Kap. 12, meta l-ewwel Qorti ibbazat id-decizjoni relattiva taghha fuq dak illi jiddisponu l-Artikoli 755 u 757 tal-Kap. 12;

Huwa evidenti, ghalhekk, illi l-aggravju in ezami, maghmul kif inhu maghmul, ma jistax jintlaqa';

A skans ta' ekwivoci, però, dina l-Qorti trid taghmilha cara illi hija taqbel mal-konkluzjoni raggjunta fis-sentenza appellata illi l-Prim'Awla tal-Qorti Civili hija inkompetenti *ratione valoris* illi tiehu konjizjoni ta' l-ewwel talba attrici. Din il-konkluzjoni hija valida kemm jekk jigi konsidrat illi l-qbiela illi qed ihallas il-konvenut Anglu Agius hija ta' ghoxrin lira (Lm20) fis-sena u kemm jekk hija ta' erbgha liri (Lm4) fis-sena. Din l-ahhar osservazzjoni qed issir in vista tal-fatt illi, fis-sentenza appellata jinghad illi minn cedola ta' depozitu esibita - liema cedola ma tirrizultax mill-atti processwali, ghalkemm a fol. 25 jinsab verbalizzat

hekk: "Dr. Aldo Vella jesibixxi kopja ta' cedola ta' depozitu nformi …" - jirrizulta illi din il-qbiela hija ta' Lm4 fis-sena. Fil-fatt, waqt illi kien qed jixhed quddiem l-ewwel Qorti fl-udjenza ta' l-ghaxra (10) ta' Lulju, 2000, il-konvenut Anglu Agius - l-unika persuna illi xehdet *viva voce* - qal illi huwa jhallas qbiela ta' Lm20 fis-sena (fol. 29); l-atturi kellhom kull opportunita` li jippruvaw il-valur lokatizju ta' l-art in kwistjoni, izda baqghu ma gabu ebda prova f'dan ir-rigward.

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji l-ohra avanzati mill-atturi jikkoncernaw l-akkoljiment ta' l-imsemmija eccezzjoni ta' l-inkompetenza *ratione valoris* tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili illi tiehu konjizjoni tat-tieni (2) u tat-tielet (3) talbiet attrici;

Fil-fehma ta' dina l-Qorti, dawn l-aggravji mhux fondati ghaliex, apparti l-konsiderazzjonijiet maghmula mill-ewwel Qorti illi wassluha sabiex takkolji l-imsemmija eccezzjoni anke ghar-rigward taz-zewg (2) talbiet attrici illi ghalihom hemm riferenza fil-paragrafu ta' qabel dan, ma hemm ebda dubbju illi dawn it-talbiet jistghu jintlaqghu biss jekk tintlaqa' l-ewwel (1) talba attrici. Ghalhekk, la darba, kif già inghad, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili hija inkompetenti *ratione valoris* illi tiehu konjizjoni ta' l-ewwel (1) talba attrici, isegwi illi hija inkompetenti wkoll illi tiehu konjizjoni tat-tieni (2) u tat-tielet (3) talbiet attrici;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjez ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mill-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------